MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 288/2004

**Il-Pulizija**

**Vs**
Anthony Seisun

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Settembru, 2004, ghall-habta tal-20.35 hrs fiz-Zurrieq, waqt li kien qed isuq vettura numru CRX-825:**
**1) ghamel hsejjes zejda jew bla bzonn;**
**2) saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;**
**3) saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;**
**4) saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;**
**5) u talli saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Dicembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli MVR 105 u 127, l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u swalifikatu mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Dicembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li l-esponenti jigi ddikjarat mhux hati w illiberat minn kull imputazzjoni w htija skond il-Ligi, u minghajr pregudizzju, f'kaz li ma tintlaqax din it-talba, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. li bil-provi prodotti l-Ewwel Qorti ma setghet qatt ragonevolment tasal sabiex issib lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu ; li l-*carcade* li kien qed jiehu sehem fiha l-appellant kienet qed timxi b' velocita' minima w ghalhekk zgur li ma tirrizultax l-imputazzjoni ta' sewqan b' velocita' aktar milli jmissu; 2. li l-akkuza li saq kontra l-"one way" ma gietx pruvata ; 3. li *dato ma non concesso* li kellha tirrizulta l-akkuza ta' sewqan traskurat, certament ma jistax jinghid li gew pruvati l-akkuzi ta' sewqan perikoluz jew/ u sewqan bla kont. Hu kien ghamel manuvra li biha dar mall-istatwa fil-pjazza kif ghamlu ta' qablu b' velocita' minima w kien konsapevoli tan-nies prezenti . 4. li l-multa ta' Lm200 u l-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal zmien sitt (Sic!) xhur kienet pjuttost eccessiva meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2005.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Accediet fuq il-lokalita' in kwistjoni privatament kif awtorizzata li taghmel bil-verbal tal-partijiet tal-10 ta' Marzu, 2005;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-din il-kawza graw fis-6 ta' Settembru, 2004 ghall-habta tat-8.35pm., meta kienet qed tirritorna fir-rahal Taz-Zurrieq ix-xalata tal-festa. Xi vetturi li kienu fil-carcade tax-xalata kienu nezlin minn Triq San Mikiel li hija *"one way"* 'l isfel lejn il-pjazza u dawn, wara li bdew iduru mal-istatwa li hemm f' nofs il-pjazza f' Misrah ir-Republika, kienu qed ikomplu fi triqthom lejn Triq P. P. Saydon. Dak il-hin kien hemm hafna nies fil-pjazza. Meta waslet il-car tal-appellant, din ghamlet manuvra li gibdet l-attenzjoni tal-Ispettur tal-Pulizija Walter Spiteri u xi ufficjali ohra tal-Pulizija li kienu mieghu w li wasslet biex inhargu l–akkuzi odjerni kontra tieghu.**

L-ISPETTUR WALTER SPITERI **xehed li l-appellant li kien isuq il-car CRX-825 , Honda Civic hamra, dar mall-istatwa , ghaqqad ir-roti ghal darba, darbtejn u waqaf ezatt man-nies li kienu fuq iz-zewg nahat tieghu. Umbaghad baqa' niezel u telaq kif suppost isuq. In kontro-ezami l-Ispettur accetta li l-appellant proprjament ma kienx saq kontra l-*"one way"* imma, meta ghaqqad ir-roti, gie jhares il fuq lejn minn fejn kien gej. Hadd aktar mid-drivers li kienu quddiemu w warajh fil-*carcade* ma kien ghamel bhalu dak il-hin. Hu hass li kien hemm periklu minnhabba n-nies. Il-car tal-appellant kienet ukoll halliet marki tat-tyres taghha. Hu baqa' jsostni dan anki fil-konfront li sar mall-appellant.**

P.S. 577 JOSEPH ABDILLA **xehed li l-appellant kien niezel minn Triq San Mikiel bi *speed* u dar man-nies .**

**Irrejsja. Ghaqqad ir-roti u dar u baqa' niezel minn P.P.Saydon Street . Hu dak il-hin ra li kien hemm perikolu ghan-nies , tant li kien hemm xi nies li marru ghall-appellant.**

P.C. 948 JOSEPH MUSCAT **xehed li l-appellant kien gie b' sewqan eccessiv u bil-manuvri li ghamel kien ser jidhol fin-nies . Umbaghad irriversja w baqa' sejjer. L-Appellant kien ghamel il-manuvra bi *speed* u b'periklu ghan-nies.**

L-APPELLANT **minn jeddu xehed li hu kien qed jiehu parti f' *carcade* u kien nizel minn St. Michael Street mhux bi *speed* eccessiv . Meta dar ma kienx gie kontra l-"*one way*" Kien ta spazju biex car ohra tilhaq titlaq. In-nies hu kien rahom u dawn in-nies ikunu qed jistennew li jaghmlu din il-manuvra , tant li cars ohra kienu ghamlu bhalu. Hu ma ghandux kwistjonijiet mall-Pulizija li harrkuh . Veru li kien ghaqqad ir-roti imma ma ghaqqadhomx waqt li qed idur.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi apparti l-aggravju dwar il-piena , l-aggravji l-ohra jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux**

**addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi **" [14.2.1989]; "I**l-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament , jekk sewqan hux (i)** negligent**i ; jew (ii)** bla kont **jew (iii)** perikoluz **hi kwistjoni ta' "**degree**". (App.Krim**. Pul. vs. Charles Bartolo **[14.3.59] ;** Pul. vs. Wilson **[Vol. XXXIX p. 1018] u** Pul. vs. Alfred Vella **[Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz. (App. Krim.** Pul. vs. Hardingham**, [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness*" (App. Krim.** Pul. vs. Charles Farrugia **[Vol.XXXIX p. 1018].) "Recklessness" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye"* (App. Krim.** Pul. vs. Joseph Aquilina**, [20.4.1963] ). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri **, [Vol. XLIV , p.892] ).**

**Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali :** "The Police vs. Gunner Brian Wilson" **[7.5.1955] li :-**

***"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more***

***serious than mere careless driving."*** **(ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Manwel Mallia" **[9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo **" [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)**

**Umbaghad fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes" **( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;-** ***"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari , imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkretizza ruha f' konsegwenzi dizastruzi . Il-ligi in tema ta' sewqan perikoluz tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta'."***

**Illi gie ukoll ritenut li speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument. (Appell Krim.** "Il-Pulizija vs. R. Bugeja**" [30.6.1962] .**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fid-dawl ta' r-rizultanzi fuq in succinto riprodotti kif ukoll fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt li jirregolaw il-materja , din il-Qorti ma ghandhiex raguni ghala ssib li l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment u legalment taccetta bhala veritjiera w attendibbli l-versjoni tal-incident moghtija mit-tlitt ufficjali tal-Pulizija li nzertaw prezenti fuq il-post dak in-nhar u li m'ghandhom ebda interess li jghidu li rravvizaw perikolu potenzjali da parti tal-appellant fil-konfront tan-nies li kienu prezenti fil-pjazza taz-Zejtun dak in-nhar jekk dan il-perikolu ma kienx hemm. Invece l-appellant ghandu kull interess li jimminimizza l-grad tas-sewqan hazin tieghu ghal ragunijiet ovvji . Din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti ghalhekk li bil-mod kif l-appellant irrizulta li dahal fil-pjazza bi *speed* u dar mal-istatwa, jghaqqad ir-roti ghal darba , darbtejn u dan f' nofs gemgha nies, hu kien indubbjament holoq perikolu potenzjali ghal dawk prezenti w dan jammonta ghal sewqan b' manjiera perikoluza, li**

**jassorbi fih ir-reati l-ohra kollha addebitati lilu ta' sewqan traskurat, sewqan bla kont, sewqan b' giri aktar milli jmissu u sewqan bi hsejjez zejda w bla bzonn. Ghalhekk l-aggravju kollha dwar il-htija tal-appellant qed jigu respinti.**

**Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** Ir-Repubbklika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999]** , "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.) Issa l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' mitejn lira (LM200) multa w skwalifikatu mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal periodu ta'** tlitt xhur **u mhux sitt xhur kif jghid l-appellant erronjament fir-rikors tal-appell.**

**Issa ghalkemm il-periodu ta' tlitt xhur sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan hu l-inqas li seta' jinghata skond l-artikolu 15 (1)(2) tal-Kap.65, ladarba l-Ewwel Qorti rriskontrat ir-reat ta' sewqan perikoluz, il-piena pekunjarja erogata mill-Ewwel Qorti hija decizament barra mil-parametri tal-ligi, kif stabilit fl-artikolu 15 (1)(a) tal-istess 0rdinanza, ghaliex il-piena massima hija dik tal-multa ta' mhux izjed minn mitt lira jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tlitt xhur. Konsegwentement l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellant ghall-mitejn lira (LM200) multa. Ghalhekk dan l-aggravju hu in parte gustifikat .**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament u s-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi konfermata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, b' dana li ghall-fini tal-piena, r-reati komprizi fl-ewwel, it-tieni, r-raba w l-hames imputazzjoni qed jigu assorbiti fir-reat ta' sewqan b'manjiera perikoluza taht it-tielet imputazzjoni w fejn skwalifikat lill-appellant mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-periodu ta' tlitt xhur u qed tigi revokata in kwantu kkundannat lill-**

**appellant ghall-mitejn lira Maltin (LM200) multa w minnflok qed tikkundanna lill-appellant ghal-multa ta' mitt lira Maltin (LM100) , konvertibbli f' ghoxrin (20) jum prigunerija skond il-ligi, jekk ma tithallasx fi zmien gimgha mil-lum , b'dana li l-periodu tas-sospensjoni ghandu jibda jiddekorri minn-nofs il-lejl u minuta ta' ghada (15 t' April, 2005) filghodu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------